MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 43/2004

***Continental Cars Limited***

***Versus***

**James Mangion**

Illum il-Ġimgħa 2 ta' April 2004
Numru 22

Il-qorti rat iċ-ċitazzjoni li biha s-soċjetà attriċi, wara li fissret illi għandha tieħu mingħand il-konvenut erbgħa u sittin elf u tmien mitt lira (Lm64,800) bilanċ tal-prezz ta' vetturi lilu mibjugħa u konsenjati, u illi d-dejn huwa ċert, likwidu u dovut, u hemm l-elementi kollha li trid il-liġi fl-artt. 167 sa 170 tal-Kap. 12, talbet illi l-qorti tgħaddi għas-sentenza bid-dispensa tas-smigħ u tikkundanna lill-konvenut iħallasha erbgħa u sittin elf u tmien mitt lira (Lm64,800), bl-imgħaxijiet kummerċjali mis-26 ta' Frar 2003 u bl-ispejjeż kollha, fosthom dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 32/2004.

Rat illi l-konvenut, għalkemm talab li jikkontesta l-kawża, ma weriex illi għandu eċċezzjonijiet *prima facie* xi jġib kontra l-meritu ta' l-azzjoni, u t-talba tiegħu kienet għalhekk miċħuda b'dikriet mogħti llum.

Il-qorti għalhekk, wara li rat l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kap. 12, taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet magħmula fiċ-ċitazzjoni u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' erbgħa u sittin elf u tmien mitt lira (Lm64,800), flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż kollha mitluba fiċ-ċitazzjoni

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------